Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 350 / 2018

Il-Pulizja

Spettur John Spiteri

Vs

Justine Agius

Illum 17 ta' Jannar 2019.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra Justine Agius detentrici tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 376700 L, akkuzata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli:

Talli f' xi hin fit-28 ta' Marzu, 2016 u fil-granet ta' qabel, f' dawn il-Gzejjer, kellha fil-pusses taghha r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur ta' l-Art 8 (a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kisret il-provediment ta' l-Art. 7 tal-Kap 466 tal-Ligijiet ta' Malta b' sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) mahruga mill-Mag. Dr. D. Clarke LL.D datat nhar is-16 ta' Marzu, 2016.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, ta' nhar il-5 ta' April, 2017, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 37 tal—Kap. 9 tal-Ligijiet

ta' Malta, l-Art. 8 (a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni sabet lill-Justine Agius hatja ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u b' applikazzjoni ta' l-Art. 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta poggietha that Ordni ta' Probation ghal peerjodu ta' tmintax il-xahar bil-kundizzjonijiet elenkati fl-ordni moghti kontestwalment.

Rat in-nota tad-denunzja tal-probation officer ppresentata fl-24 ta' Mejju, 2017, fil-konfront ta' Justine Agius.

Rat id-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati, tad-9 t' Awwissu, 2018 fejn il-Qorti, **wara li rat l-Artikoli 17 u 21 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti sabet lil Justine Agius hatja li naqset li thares xi htiega ta' l-Ordni tal-Probation mghotija fil-konfront taghha minn din l-istess Qorti fil-5 t' April, 2017 u taghzel li titratta maghha ghar-reati li tieghu kienet instabet hatja daqs li kieku ghada kemm instabet hatja u ikkundannata sitt gimghat detenzjoni.**

Rat ir-rikors tal-appell ta' Justine Agius, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-28 ta' Awwissu, 2018, fejn talbet lil din l-Onorabbli jogghobha thassar u tirrevoka. Is-sentenza u tiddikjara nulla, jew tirriforma s-sentenza billi tikkonferma l-htija filwaqt li thassar u tirrevoka il-parti tal-piena u tinfliggi piena kontemplata mill-ligi, jew tirriforma s-sentenza billi tikkonferma l-htija filwaqt li thassar u tirrevoka il-parti tal-piena u tinfliggi piena aktar ekwa u gusta;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-appellanta hassitha aggravata mis-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati fis-sede taghha bhala Qorti tal-Minorenni u ghaldaqstant qieghda

tinterponi dan l-umli appell ghall-kunsiderazzjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali;

Illli Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, senjatament fl-artikolu 21 sub-inciz 2, konsegwenza
tal-ksur tal-ordni tal-probation il-Qorti tista' :

> *"jew tista' tittratta ma' min ikun taht probation, ghar-reat li dwaru tkun saret is-sanzjoni komunitarja, b' kull mod kif il-qorti tista' tittratta lill-hati li kieku kien ghadu kemm gie dikjarat hati minn jew quddiem dik il-qorti ghal dak ir-reat"*

Illi kif jidher mis-sentenza odjerna l-Qorti fil-fatt hekk ghamlet u trattat mal-appellanta daqs li kieku dehret l-ewwel darba quddiemha;

Illi jibda biex jinghad li l-Qorti fil-motivazzjoijiet l-artikoli 7 u 21 tal-Kap. 446 biss, gialadarba hawn l-Qorti tal-Magistrati ghazlet li taghmel uzu minn dak li jghid l-artikolu 21, kellha ta' bilfors tincita wkoll l-artikoli l-ohra fejn si tratta r-reat originali, u dan dejjem in vista' tal-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali, li huwa car dwar x' ghandu jkun fiha sentenza, dunque fil-kaz in dizamina s-sentenza promulgata mill-Onorabbli Qorti tal-Magistati hija nulla;

Illi fl-eventwalita' li din l-Onorabb1i Qorti tal-Appell ma tilqax l-aggravju precedenti, l-esponent jikkontendi li l-piena nflitta' mill-Qorti tal-Magistrati ma hijiex skont id-dettami tal-ligi;

Illi mill-provi kontenenti fl-atti processwali, l-prova principali li l-appellanta kienet fil-pussess tad-droga cannabis, johrog mill-fatt li instab messagg fil-mowbajl li jghid "ghax pejjipt";

Illi jihder car li hawn si tratta ammont vera zghir ta' cannabis, stante li l-provi qeghdin

jindikaw "joint", kwindi kellu jigi applikat dak mahsub taht l-Kap 537 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe l-piena tal-multa;

Illi sussudjarjament ghal dak li ntqal qabel, l-esponent jikkontendi li sentenza ta' karcerazzjoni effettiva bl-ebda mod ma sejra tghin sabiex l-appellanta timmeljora ruhha fil-hajja taghha, ' izda tali ser jkun ostaklu, b' dana li l-intenzjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Magistrati ser jkun ezercizzju kontro-produttiv. Fis-sens li gialadarba l-appellanta ser issib ruhha f' dak l-ambjent, fejn minhabba l-vulnerabilita' taghha, maghdud ma l-eta' tenera, ser jkun ferm aktar facli ghalija li taqa' ghall-vizzji mundani;

Illi s-socjeta Maltija f' dawn l-ahhar zminijet dejjem sostniet favur il-gustizzja riparattrici, fejn persuna li zbaljat tinghata cans sabiex tkun tista' tintegra fis-socjeta mill-gdid, u kwindi minflok tkun rinnegata tiehu rwol attiv ghat-titjieb tal-hajja gewwa pajjizna;

Illi l-esponent ma huwiex ser jipprova jidhak bil-Qorti anzi ser jkun minn ta' quddiem li jammetti li l-karattru tal-appellanta ma huwiex wiehed facli minhabba l-fatt li hija persuna ntroverta, pero jemmen wkoll li l-piena nflitta' ma tohloqx bilanc bejn l-aspett
retributtiv u dak riformattiv;

Illi huwa ndesiderali li din il-Qorti tiddisturba l-ezercizju tal-Ewwel Qorti, sakemm tali ma jigiex pruvat li sar b' nuqqas manifest lejn ic-cirkostanzi u l-aspetti partikolari tal-kaz, kif effettivament jemmen li gara fil-kaz in dizamina, fejn tali produca piena wisq harxa. Dan il-principju kien gie ukoll kristaltizzat fis-sentenza fil-kaz **il-Pulizija vs. Joseph Attard[1]**, fejn il-Qorti qalet li:

[1] MMoghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali presjeduta mill-Imballef Patrick Vella fis-26 ta' Jannar, 2001

*' Il-Qorti tal-Appell rarament tbiddel il-piena li tkun imponiet l-Ewwel Qorti. Dan taghmlu biss meta jkun manifestament evidenti li dik il-Qorti tkun* ***imponiet xi piena mhux kontemplata mill-ligi ghar-reat in ezami, jew tkun xi piena harxa wisq jew sproporzjonata ghal dak li jkun ghamel il-hati, jew tkun xi piena mhux fil-parametri tal-ligi****"*[2]

Semhet lill-partijeit jirrimettu ruhhom ghall-atti processwali fir-rigward tal-aggravju sollevat mill-appellanti u cioe li -sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali hija nulla peres illi m ahemmx referenza ghall-artikoli tal-ligi li tahtom sabet lill-appellant hati .

Ikkunsidrat.

Illi f'dan il-kaz l-appellanti originarjament kienet instabet hatja b'sentenza moghtija mill-ewwl Qorti nhar l-5 ta' April 2017 fuq akkuzi migjuba kontra taghha mill-proskeuzzjoni u cioe' li kellha fil-pusess taghha ir-raza mehuba mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjoijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur ta' l-Art 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijeit ta' Malta u aktar talli ksiret il-provedimenti tal-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligjiet ta' Malta b'senenza moghtija nhar is-16 ta' Marzu 2016 u fuq ammissjoni taghha stess dik l-ewwel Qorti kienet bl-applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligjiet ta' Malta poggiet lill-appellanti taht Ordni ta' Probation ghall-perijodu ta' tmintax-il xahar bil-kundizzjonijiet elenkati fl-ordni annessa mas-sentenza.

Illi jidher li l-appellanti ma qaditx ghall-Ordni tal-Probation tant li l-probation officer Charisse Boffa kienet ipprezentat denunzja quddiem dik l-istesss qorti nhar l-24 ta' Mejju 2017 fejn irrapportat li l-appellanti baqghet tagheml uzu minn sustanzi illeciti u tghix hajja kaotka u lanqas ma kienet qed izomm mall-pjan edukattiv li gie mfassal ghaliha. B'sentenza moghtija mill-ewwel Qorti, l-appellant instabet hatja li naqset li thares xi htiega ta' l-Ordni tal Prbabtion li kient inghatat fil-konfront taghha u

[2] Enfasi tal-epoenent.

kkundannatha ghal hlas ta' tlettin euro €30 minghajr pregudizzju ghat-tkomplija fis-sehh ta' l-Ordni tal Probation gia mghoti.

Gara pero' li ftit wara u cioe' nhar id-19 ta' Lulju 2018 l-istess Proabation Officer Cherisse Boffa regghet pprezentat denunzja ohra fejn il-Qorti giet infurmata li l-appellanti qed taghmel uzu minn sustanza llecita, li qed tirrifjuta li tissottometti ruha ghal-testijiet tal-urina fir-reisdenza fejn tghix cioe' Jean Antide Home u li qed tirrepeti l-imgieba negattiva taghha fejn kemm il-darba ma tidholx lura fil-home jew tirritorna biss ghal ftit hin u terga titlaq. Inghad ukoll li ma kienitx qed izomm mal-pjan edukattiv li inghata lilha.

Din id-darba pero' l-ewwel Qorti b'sentenza taghha tad-9 ta' Awwissu 2101 sabet lill-appellanti hatija talli naqset li thares xi htiega ta' l-Ordni tal-Probation moghtija lilha u ghazlet li titratta maghha ghar-reati li taghhom kienet instabet hatja originarjament daqs li kieku ghada kemm instabet hatja u b'hekk ikkundannatha ghall-sitt gimghat detenzjoni.

Jirrizulta pero' li meta ghamlet hekk u cioe' li trattat maghha mill-gdid ghall-akkuzi li kienet originarjament ammettiet ghalihom u cioe' l-pusess tad-droga Cannabis u l-ksur tal- Probatbion, il-Qorti ma semmietx fis-sentenza taghha l-artikoli kollha tal-ligi relattivi ghal dawn l-akkuzi li taghhom kient qed issibha hatja taghhom b'mod partikolari l-artikolu 8 tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Jigi rilevat li skond l-artikolu 382 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti tal-Magistrati, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid l-fatti li taghhom dan ikun gie
misjub hati, taghti l-piena w ssemmi l-artikolu tal-Kodici Kriminali jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat;

Illi skond gurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti n-nuqqas li jsir dan jimporta n-nullita' tas-sentenza appellata. Dan ghaliex dan-nuqqas jammonta ghal nuqqas ta'

formalita' sostanzjali. F' kaz simili dan jintitola lil din il-Qorti li thassar is-sentenza appellata. (ara f' dan is-sens l-Appelli Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Paul Cachia**[3]"; "**Il-Pulizija vs. Joseph Zahra**[4]" ;"**Il-Pulizija vs.Benjamin Muscat**[5]" "**Il- Pulizija vs. Donald Cilia**[6]" u ohrajn)

Issa kif dejjem gie ritenut fil-gurisprudenza anki meta l-artikoli citati fis-sentenza jkunu zbaljati, kif jidher li x' aktarx gara f' dan il-kaz, dan il-fatt igib in-nullita' tas-sentenza appellata. (ara. Appell Krim. "**Il-Pulizija vs. Joseph Farrugia**[7]" [28.5.1987], "**Il-Pulizija vs. John Axiaq et**.[8]" [19.5.2005] u ohrajn.) Ovvjament l-istess japplika meta jigi citat artikolu inezistenti ghax ikun gie abrogat.

Ghalhekk l-ewwel aggravju tal-appellanti qed jigi milqugh, imma fis-sens li l-Qorti ghandha tannulla s-sentenza appellata.

In vista tal-provvediment infraskritt mhux il-kaz li din il-Qorti tinvesti l-aggravji l-ohra tal-appellant f' dan l-istadju.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tiddisponi mill-appell billi tannulla s-sentenza appellata w, biex ma tipprivax lill-partijiet mill-beneficcju tad-*doppio ezame,* terga' tirrimetti l-kaz lill-Ewwel Qorti biex il-kaz jerga' jigi mismugh u deciz skond il-ligi

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

[3] Nhar il-25 ta' Settembru 2003
[4] Nhar id-9 ta' Settembru 2002
[5] Nhar il-10 ta' Lulju 2002 u 28 ta' Gunju 2002
[6] Nhar l-24 ta' April 2002.
[7] Nhar it-28 ta' Mejju 1987
[8] Nhar id-19 ta' Mejju 2005

Franklin Calleja

Deputat Registratur